# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 49

14 ta' Frar, 2023

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.30 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier
Francesca Borg – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# Aġenda Nru. 49

49.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 48 – 9;
49.3 Rapport ta’ kull kwart 4 – 2022;
49.4 Rapport Finanzjarju Amministrattiv 2022 (mhux awditjat);
49.5 L-Estimi Annwali 2023;
49.6 Aġġornament dwar il-proġett ta’ pavimentar u rinovar ta’ Pjazza Santa Margerita;
49.7 Komunikazzjoni mis-Sindku;
49.8 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
49.9 Komunikazzjoni;
49.10 Evalwazzjoni w Aġġudikazzjoni ta’ Offerta SNTLC 06/2022;
49.11 Jum Sannat 2023;
49.12 *Community Green Grant*;
49.13 Ilmenti u Suġġerimenti;
49.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 2/2023;
49.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 49.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

49.1.1 Is-Segrertarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji għalkemm ġie nfurmat permezz ta' messaġġi li l-Viċi Sindku, l-Kunsillier Tewma u l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ kellhom jattendu aktar tard.

## 49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 48 – 9

49.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa preċedenti Nru. 48 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 49.3 Rapport ta' kull kwart 4 – 2022

49.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li r-Rapport ta kull Kwart 3/2022 kien ntbgħat permezz tal-imejl flimkien mall-Aġenda u l-Minuti tal-laqgħa preċedenti għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan ir-rapport u dan ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 49.4 Rapport Finanzjarju Amministrattiv 2022 (mhux awditjat)

49.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bħal ma kienu avżati għal din il-laqgħa l-Kunsilliera qed tattendi l-Accountant tal-Kunsill biex tispjega r-Rapport Finanzjarju Amministrattiv 2022 qabel ma dan jintbgħat lill-Awdituri biex dan jiġi awditjat. Is-Sa. Said irreferiet għar-Rapport Finanzjarju Amministrattiv 2022 u tat spjegazzjoni inġenerali tar-rapport maħruġ. Is-Sa. Said infurmat li fis-sena 2021, dan ir-rapport ħareġ bi profitt żgħir filwaqt li din is-sena dan ir-rapport qed juri deficit ta' madwar 50k. Hawn, kemm l-Accountant kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv ġibdu l-attenzjoni tal-Kunsill biex fejn jidħlu skemi l-Kunsill għandu joqgħod attent għall-dak l-ammont li jkun se jirċievi u mhux jonfoq aktar għaliex għal dawn il-Kunsill ikollu jgħamel tajjeb għalihom speċjalment fejn jidħol printing, community and hospitality.

49.4.2 Fis-1.37 p.m. Il-Viċi Sindku daħlet għal laqgħa.

## 49.5 L-Estimi Annwali 2023

49.5.1 Is-Sa. Said spjegat l-Estimi Annwali 2023 u l-proġettazzjoni tal-fondi tal-kunsill għal din is-sena. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jwaqqaf il-kuntratt tal-knis tat-toroq u se jinqeda għal dan ix-xogħol bil-ħaddiema assenjati mall-Kunsill b'hekk jonqsu ukoll ftit mill-ispejjeż.

## 49.6 Aġġornament dwar il-proġett ta' pavimentar u rinovar ta' Pjazza Santa Margerita

49.6.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-proġett ta' riġenerazzjoni fi Pjazza Santa Margerita.

49.6.2 Is-Sindku beda l-aġġornament tiegħu billi qal li nstab it-tielet ġibjun fil-pjazza, dan wara li bdew jitpoġġew il-'U-Sections' fejn il-Każin Laburista u l-kuntrattur beda tiela l-fuq għal Triq Ta' Ċenċ. Għaldaqstant fuq il-post, ltaqgħa l-Periti konċernati u flimkien iddeċidew li biex ma titkissirx din il-ġibja jsir 'shallow culvert' u jibqa sejjer, dejjem jekk hu possibli sal-faċċata tal-Uffiċċju Parrokjali. Il-kuntrattur nġibditlu l-attenzjoni li kellu jkompli fejn il-każini u wara l-knisja biex jitkompla bis-sistema tad-dranaġġ u main tas-sitta ta' l-ilma li jibqa sejjer lejn ix-Xlendi u l-Munxar, speċjalment għal-fatt li l-Kunsill ma jridx li jiġu żmien is-Sajf u l-festi u jkun hemm ix-xogħol għaddej quddiem dawn l-istabbilimenti u li għalhekk t-traffiku kellu jkun iddevjat lejn Triq ta' Ċenċ biex jitkompla x-xogħol konness ma' din il-parti tal-pjazza.

49.6.3 Is-Sindku saħaq ukoll li l-konkos li sar wara l-knisja irid jiġi asfaltat u mhux jerġa jingħata l-konkos speċjalment minħabba l-istat ħazin tat-triq wara l-ammont ta' xita li għamlet fl-aħħar ġranet. Is-Sindku saħaq li għandu jkun hemm sinerġija flimkien mal-kuntrattur u l-periti biex dak li jkun maqbul irid jiġi rrispettat biex l-għan ta dan il-proġett jitlesta ikun milħuq f'ħin stipulat u għal-ġid tal-lokalita.

49.6.4 Il-Kunsillier Bajada staqsa f'hiex wasal il-materjal tal-pavimentar, is-Sindku wieġeb li skond l-aħħar informazzjoni dan se jasal fil-bidu ta' Marzu.

49.6.5 Il-Kunsillier Gauci staqsa jekk hemmx il-ħsieb li tingħalaq xi darba l-pjazza kollha, is-Sindku qal li s'issa dan mhux ippjanat.

49.6.6 Is-Sindku qal li rigward is-siġra ta' l-Awrikarja fil-pjazza , il-kuntrattur għamel forma ta' konka bir-ramel u sfortunatament inqatgħu xi għeruq minnha. Il-Kunsill ġab botanista biex jigwida lill-kuntrattur x'għandu jsir, anke bħal trattament u jibqa josserva l-izvilupp segwenti. Fil-pjazza baqa madwar disa sigriet ta' l-Oleander li jridu jinqalgħu w jiġu rilokati fi Triq id-Daħla ta' Ċnus. Konsegwentament, xħin jitlesta l-proġett ser jitħawlu siġar ġodda u anke se jiżdied in-numru ta siġar milli kien hemm qabel u b'aktar uniformita fit-tqassim tagħhom.

49.6.7 Is-Sindku qal li rigward il-balovostri u l-bankun taz-zuntier, l-Perit talab sample lill-kuntrattur biex ikun jista jagħmel eżerċizzju ta' evalwazzjoni estetika.

49.6.8 Is-Sindku qal li se jigi diskuss l-fatt jekk għandux jinqala z-zuntier fi żmien li ġej jew wara l-festa ta' Santa Margerita, u anki l-fatt li jrid jinbena l-pedistall ta' San Ġuzepp li hemm maqlugħ bħalissa.

49.6.9 Is-Sindku qal li saħaq mal-Perit li għandu jaħseb għall-għamara meħtieġa tal-pjazza, issa li għandu idea aktar ċara fejn ġej id-dawl.

49.6.10 Il-Kunsillier Bajada staqsa fuq il-'cart ruts' misjuba, is-Sindku rrimarka li dawn se jkollhom jintradmu wara li jsir il-'geotextile'.

## 49.7 Komunikazzjoni mis-Sindku

49.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar l-Erbgħa 18 ta’ Jannar 2023, fl-uffiċċju tal-Kunsill, fil-11.00 a.m. saret laqgħa mall-Community Policing fejn ġew diskussi x’rapporti daħlu, ilmenti minn residenti dwar permessi ta makkinarju fit-toroq, il-ħtieġa u l-bżonn tal-uffiċjali waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal tal-iskola, parkeġġ traskurat fi Pjazza Santa Margerita u l-kantunieri ta’ mal-knisja waqt li għadejjin ix-xogħolijiet u l-aktar fil-weekend, fejn il-pulizija qed tkellem lix-xufiera biex jipparkjaw aktar b’mod responsabli. Il-pulizija qed tiċċekja fuq il-makkinarji użati fit-toroq, permessi neċessarji abbinati u jaċċertaw li tinżamm l-indafa speċjalment xi żejt maħruġ minn dawn l-inġenji. Kien hemm diskussjoni fuq il-traffiku u l-ipparkjar bl-addoċċ fil-ħin tad-dħul u ħruġ tat-tfal mill-iskola. Ġew mitkellma ukoll ir-rapporti ta’ tentattivi ta’ serq fl-aħħar ġranet u l-pulizija ħadet nota ta’ dawn l-atti kriminali. Ġew diskussi ukoll biex dwar il-festi tal-Karnival li ġejjin, speċjalment fejn jidħlu farmhouses u appartamenti tal-kiri li jinkrew biex tinżamm il-paci pubblika u jitnaqqas l-istorbju eċċessiv speċjalment tard bil-lejl.

49.7.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar il-Ġimgħa 20 ta’ Jannar fil-11.00 a.m. fl-uffiċċju tal-Kunsill saret laqgħa ma Chief Librarian dwar il-librerija Ta’ Sannat. Ġie diskuss kif din il-librerija tista tattira aktar viżitaturi u aktar jinqraw kotba. Ic-Chief Librarian innutat li fil-librerija hemm xi xkaffef neqsin u xi kotba li mhumiex qedin f’posthom. Is-Sindku qal li dan hu kompitu tal-librara konċernata, u minn naħa tal-kunsill qed jinxtraw aktar kotba biex jinċentiva aktar il-qari fit-tfal, żagħżagħ u adulti. Ic-Chief Librarian issuġeriet li jsiru aktar attivitajiet fil-librerija bħal ma kienu qed jittellgħu preċedentament bħal ‘story telling’.

49.7.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 24 ta’ Jannar 2023 li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa b’mod virtwali mad-Direttur Ġenerali fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża fejn ġew diskussi diversi materji marbuta ma’ l-iskema tal-‘Green Community’. Ġiet proposta li fit-Triq 28 ta’ April jiġu nstallati dwal rinovabli u jitħawlu aktar siġar, saret diskussjoni fuq il-proġett tal-pixxina tal-żwiemel, dogs park u pet therapy area, il-proġett ambizjuż tal-playing field fi Triq Marżiena li jinbidel f’ġibjun, parkeġġ u playing field fuq u solar panels li minnhom jista jiġi ġġenerat id-dawl kemm għal-grawnd kif ukoll għal playing field. Ġiet diskussa ukoll il-ġibjun ta’ Triq il-Kbira u li diġa hemm fondi allokati minn naħa tar-Reġjun ta' Għawdex, kif ukoll issemma l-proġett tal-pompa tal-ilma fil-wied ta’ Mġarr ix-Xini.

49.7.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar il-Ħamis 26 ta’ Jannar 2023, fid-9.45 saret laqgħa mall-Ministru għal Għawdex, għal din il-laqgħa flimkien miegħu kien hemm preżenti wkoll l-Viċi Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mall-Perit tal-Kunsill fejn ġew diskussi l-istat ħażin ta’ Triq Xamgħan, Triq Dun Lazzru Camilleri, Triq Paranji u parti minn Triq Gerxija u li għal dan ix-xogħol il-Kunsill diġa għandu rati ta’ offerta li kien ħareġ is-sena l-oħra, u l-Ministru minn naħa tiegħu qal li l-Ministeru ħareġ period contract fuq it-tkomplija ta’ Triq it-Tabib Anton Tabone. Ġie spjegat ukoll l-andament tal-proġett ta’ Pjazza Santa Margerita, il-Proġett tal-pompa ta’ l-ilma fil-wied ta’ Mġarr ix-Xini fejn il-Ministru semma ukoll l-proġett ħolistiku ta’ Mġarr ix-Xini Regional Park. Il-Kunsill iddiskuta l-water catchment fejn is-Sindku spjega l-proġett ta’ ġibjun, parkeġġ u playing field ġdid minflok il-playing field li hemm fi Triq Marziena. Ġiet diskussa ukoll l-pixxina taż-żwiemel ħdejn il-Ġnien tal-Bidwi fejn Is-Sindku qal li hemm bżonn isir konsultazzjoni mar-residenti, speċjalment ma’ dawk dilettanti. Is-Sindku qal li qed ikollu suġġerimenti li kif hu msemmi ‘Ġnien tal-Bidwi’, m’hemmx annimali bħal tiġieġ etc, u anki l-possibilita ta’ aquariums biex il-post isir aktar attrajenti.

49.7.5 Fis-14.23 p.m. jidħol għal din il-laqgħa l-Kunsillier Tewma.

49.7.6 Is-Sindku qal li l-Kunsill irid japplika mal-Kumitat ta' l-Ismijiet tat-Toroq biex insemmu 'Il-Ġnien tal-Bidwi', kif ukoll ismijiet għal toroq ġodda li nfetħu f'dawn l-aħħar snin fil-lokalita' Ta' Sannat u anki xi revizjoni ta' ismijiet tat-toroq u pjazzetti. Is-Sindku qal li ż-żmien li ġej huwa wieħed opportun speċjalment għal-fatt li l-'Identity Malta' qeda fil-proċess li tibda tbiddel in-numri tad-djar. Issemma ukoll li għandu jsir forma ta' rikonoxximent lil Dun Andre' Cassar – Arċipriet li kien persuna strumentali biex inbniet il-Knisja Parrokjali Ta' Sannat. Il-Kunsillier Bajada ssuġġerrixxa li meta nsibu post adattat ta min isir bust ta' dan il-qassis.

49.7.7 Is-Sindku semma' l-istat tal-playing field fi Triq Marziena fejn issuġġerixxa biex tinħareġ sejħa għal-offerta biex jsir embellishment, fosthom bdil ta' playing equipment dejjem suġġett ta' xi fondi li l-Kunsill jista jibbenifika w nuqqas ta' fencing li hemm fuq il-ħajt bejn il-grawnd tal-futbol u l-playing field u li dan irid jiġi diskuss mal-Kumitat ta' Sannat Lions F.C.

49.7.8 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li sar diversi kommunikat ma' Transport Malta dwar l-approvazzjoni ta' traffic management ġdid fi Triq Ta' Ċenċ fejn il-Hotel Ta' Ċenċ u li dan ġie approvat riċenti minn Transport Malta biex issa jiġi mplimentat mill-MGOZ.

49.7.9 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li rigward l-applikazzjoni minn fondi ewropej taħt miżura 4.3 għal asfaltar ta' Triq tal-Gruwa u Triq id-daħla tac-Ċnus, il-Kunsill rċieva korrispondenza mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar li m'għamlitx no objection u li l-Awtorita' ssuġġeriet li l-applikazzjoni isir DNO. Minn naħa l-oħra ERA trid aktar konsultazzjoni u se jsir site meeting fuq il-post apposta.

49.7.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nġabret hand quotation għall-bdil tal-fanali miksura fil-Ġnien tal-Bidwi u li dawn kienu ġew vandalizzati s-sajf li għadda fil-ġimgħa tal-festa. Il-Kunsill qabel li dawn jinbidlu.

49.7.11 Is-Sindku qal li ntalbet kwotazzjoni għal installzzjoni ġdida ta' invertor tal-panelli ta fuq il-bejt li jiġġeneraw enerġija alternattiva peress li saritlu ħsara estensiva bl-elementi naturali u li dan ġie dditerjorat. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Inġinier tal-Kunsill biex jivverifika din il-kwotazzjoni. Il-Kunsill qabel li jekk din tiġi vverifikata mill-Inġinier dan jiġi nstallat.

49.7.12 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar patching fit-toroq li hemm bżonn li jsir madwar il-lokalita' wara l-għarar tal-ilmijiet tax-xita ta' l-aħħar ġranet u se ssir talba lill-Ministeru għal Għawdex biex jgħin u jsiru xi xogħlijiet ta' patching ta' diversi ħofor fil-lokalita'.

49.7.13 Fis-14.45 p.m. tidħol għal din il-laqgħa Francesca Borg, l-ambaxxatriċi taż-żagħżagħ.

49.7.14 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kumpanija GreenPak nfurmat li mhux se jibqgħu responsabbli għal recycling points (iBiNs) fil-lokalita' wara t-2 ta' April 2023. Fil-jiem li ġejjin għandhom ikelmuna dwar il-ġbir ta' dawn l-iBiNs.

49.7.15 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċevejna imejl mingħand d-Direttorat għall-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fejn se jkunu qed jorganizzaw sessjonijiet ta' għana kull nhar ta' Ħadd ġewwa pjazzez differenti mill-25 ta' Frar sal-21 ta' Mejju bl-isem "Għannej Għannej". Jekk interessati l-Kunsill għandu jwieġeb sas-16 ta' Frar 2023. Ġie issuġġerrit li f' Ta' Sannat din l-attivita' issir fi Pjazzetta tax-Xelina, hu li x'aktarx se tkun il-Ħadd 2 ta' April 2023 filgħodu. Il-Kunsill qabel ma din l-attivita.

49.7.16 Is-Sindku qal li l-attivita' tal-Karnival ta' din is-sena mhux se ssir minħabba x-xogħlijiet li għaddejjin fil-pjazza u kienet diffiċli ħafna biex insibu data vakanti. Madankollu, iż-żagħżagħ mill-lokalita' li għamlu sett maskaruni u wrew ix-xewqa li jkollhom ftit għajnuna, għal dan il-

għan u biex nħajru aktar żagħżagħ jaħdmu fil-volontarjat, il-Kunsill qed jitlob li dan is-sett maskaruni se jkunu esebiti f'postijiet differenti madwar ir-raħal Ta' Sannat biex jitgawdew minn min jarahom.

## 49.8 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

49.8.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kienx hemm xi mistoqsijiet.

49.8.2 Il-Kunsillier Gauci staqsa għala m'għadhomx jintbagħtu email li titratta il-lista ta' permessi li qed joħorġu għal-bini u applikazzjoni ġodda. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Awtorita ta' l-Ippjanar ma għadhiex tibgħat din il-komunikazzjoni u għaldaqstant l-amministrazzjoni tal-kunsill għandha tara minn fuq il-website tal-Awtorita' biex l-Kunsill ikollu referenza ta' applikazzjonijiet ġodda u oħrajn approvati.

## 49.9 Komunikazzjoni

49.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill b'Ċirkulari mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl dwar:
Ċirkulari Numru 01/2023 – Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2022
Ċirkulari Numru 02/2023 – Emendi fir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru (Leġislazzjoni Sussidjarja 65.13), u emendi fir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata ( Leġislazzjoni Sussidarja 65.05)

49.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-AKL u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
13 ta' Jannar 2023 – Cir AKL 2023/005 – Interactive Interview Skills Course 27/01 – 28/01/2023
18 ta' Jannar 2023 – Cir AKL 2023/006 – Mental Health First Aid Course 01/02 – 03/02/2023
22 ta' Jannar 2023 – Cir AKL 2023/007 – Laqgħat għall-VOs fil-Lokalitajiet
24 ta' Jannar 2023 – Cir AKL 2023/008 – International Epilepsy Day February 13, 2023
24 ta' Jannar 2023 – Cir AKL 2023/009 – New Publication: Nature-based Placemaking in High-Density Cities
24 ta' Jannar 2023 – Cir AKL 2023/010 – Local Councils that have a Day Centre, or an organised elderly group
03 ta' Frar 2023 – Cir AKL 2023/011 – Sustainable Urban Mobility Plans for Malta and Gozo Meeting 17/03/2023
06 ta' Frar 2023 – Cir AKL 2023/012 – National STEM Community Fund 2023
07 ta' Frar 2023 – Cir AKL 2023/013 – Niktbu b'Malti Tajjeb
06 ta' Frar 2023 – Cir AKL 2023/014 – ECAD Membership 2023
08 ta' Frar 2023 – Cir AKL 2023/015 – Times of Malta Business Breakfast – 'The Road to Reliable Public Transport'

49.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn kienu dwar:
27 ta' Jannar 2023 – Festival Letterarju għal Għawdex
Ir-Reġjun Għawdex bagħat invit għall-Laqgħa Nru 114 li saret nhar il-Ġimgħa 27 ta' Jannar fis-6.00 pm.
31 ta' Jannar 2023 – Community Greening Grant Info Session – 8th Feb 7.3am
2 ta' Frar 2023 – FW: European Green Capital Award – Help us spread the word

2 ta' Frar 2023 – FW: Nuovo gemellaggio - Zibido
7 ta' Frar 2023 – FW: @ Invitation
7 ta' Frar 2023 – Kors Online – Niktbu Malti Aħjar
7 ta' Frar 2023 – National STEM Community Fund 2023

49.9.4 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-Kunsill li l-IT server cupboard li hawn fl-uffiċċju tal-Kunsill huwa wieħed pjutost żgħir u għalhekk dan irid jitkabbar biex kollox ikun f'postu. Il-Kunsillieri qablu ma' din it-talba.

## 49.10 Evalwazzjoni w Aġġudikazzjoni ta' Offerta SNTLC 06/2022

49.10.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-offerta SNTLC 06/2022 tas-servizz għal provista ta' Occupational Health and Safety (Component Person) Supervisory Services għax-xogħolijiet fi Pjazza Santa Margerita ġie evalwat u aġġudikat mill-bord kompost. Il-Kunsill qabel ma din l-għażla tal-irħas offerta għalhekk għandu jiġi ffirmat dan il-kuntratt biex b'hekk il-kuntrattur ikun jista jibda.

## 49.11 Jum Sannat 2023

49.11.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kif kien qal fil-laqgħa preċedenti, din is-sena Jum Sannat se tittella serata kemm xejn differenti mis-soltu. Hu maħsub li ssir intervista żgħira ma kull rebbieħ preċedenti fil-passat, u din tiġi murija waqt is-serata mtella apposta f'Jum Sannat. Din l-inizjattiva hija maħsuba biex aktar nies isiru konxji ta' dawn l-individwi u jkun hemm aktar għarfien tax-xogħol tagħhom li kien u forsi għadu jsir fil-lokalita Ta' Sannat. Bħas-snin l-imgħoddija ser tinfetaħ sejħa biex isiru nominazzjonijiet għal-premju żagħżugħ jew żagħżugħa tas-sena, kif ukoll naturalment għal-Premju Ġieħ Sannat.

## 49.12 *Community Green Grant*

49.12.1 Is-Sindku qal li bħal ma tħabbar qabel ġiet varata l-Commuinty Green Grant, din il-grant tinkludi tħawwil ta' siġar ġodda, fjuri u pjanti, ġibjuni li jinkludi sistema ta' irrigazzjoni fuq pjan ta' għaxar snin etċ. Is-sindku wera x-xewqa li l-Kunsill japplika għal-fondi relatati għal-Pjazza Cocco Palmieri, fejn l-idea hi li ssir ġiebja taħt il-funtana biex jinġabar l-ilma minn Triq Xamgħan u l-akkwati biex dan jintuża għall-irrigazzjoni tas-siġar u l-pjanti madwar il-monument u fil-pjazza nnifisha. Barra minn hekk, issir applikazzjoni aġġunta ta' Triq 28 ta'April 1688, fejn isir railing kurduni biex tkun tista' tintefa l-ħamrija u konsegwentament jitħawlu siġar, arbuxelli, fjuri u pjanti b'sistema ta' irrigazzjoni biex jissaqqew skond il-ħtieġa.

## 49.13 Ilmenti u Suġġerimenti

49.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li hemm żewġ tenders li għalqu u l-ieħor li se jagħlaq fil-jiem li ġejjin, biex jinħatar bord biex isiru evalwazzjoni u aġġudikazzjoni tagħhom. Dawn it-tenders li għalqu, jinkludu waħda fuq restawr tal-Kalkara tal-Ġir SNTLC 01/2023 (minn fondi LESA) u l-oħra SNTLC 02/2023 (minn Mizura 4 Rejuvenating Gozo) għal-sistema ta' l-arja kundizzjonata għas-sala tal-każin tal-banda Santa Margerita. Is-Sindku qal li għandu jinħatar Perit flimkien mall-Viċi Sindku u l-Kunsillier Gauci biex jiġi aġġudikat dan it-tender tar-restawr tal-Kalkara tal-Ġir u l-bord l-ieħor li jkun kompost minn Inġinier flimkien mal-

Kunsillieri Bajada u Tewma. Filwaqt li għall-offerta SNTLC03/2023 jibqa dan l-istess bord. Is-Sindku qal li llum ħarġet fil-gazzetta tal-gvern ukoll kwotazzjoni għal xiri ta mitt siġġu għas-sala tal-każin tal-banda (minn M 4 fondi ewropej).

49.13.2 B'referenza għall-ilment numru 06/2023, resident li joqgħod fi Triq Skerla talab li ssir bankina ġdida quddiem ir-residenza tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

49.13.3 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ, rigward Triq Dun Lazzru Camilleri li għandha bżonn tingħata wiċċ ġdid. Is-Sindku qal li din saret talba lil Ministeru għal Ghawdex flimkien ma toroq oħra.

49.13.4 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident, fejn ilmenta rigward ħofor fi Triq Santa Marija. Dan hemm servizz li ma ġiex asfaltat kif meħtieġ, u għalhekk se jsir xi asfaltar temporanju anki għal-fatt li t-triq hija traffikuża aktar u aktar bħalissa.

49.13.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenżjoni rigward *blockage* li qed jkun hemm ta' sikwit fil-latrina ta' Triq Sannat. Għalhekk se jiġi kkuntatjat il-Water Services Corp. biex iġibu cameras biex ikun jista jsir moniteraġġ ta' dan l-inkonvenjent, imbagħad jekk jirriżulta li hemm ħsara wara jsiru x-xogħlijiet meħtieġa.

49.13.6 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-ħaddiema tal-MGOZ permezz tas-sistema tal-*Works Request System,* sabiex jiġu rranġati 2 fanali fi Triq Ta' Ċenċ fil-Pjazza qabel tidħol għal Hotel Ta' Ċenċ peress li wieħed huwa mitfi u l-ieħor huwa mkisser bil-wires mikxufa u perikolużi. Is-Segretarju Eżekuttiv stqar li l-ħaddiema ġew fuq il-post.

49.13.7 Diversi bdiewa talbu li ssir mera ġdida fi Triq tal-Gruwa. Din ġiet approvata mill-Kunsill.

49.13.8 B'referenza għall-ilment numru 07/2023, residenta li toqgħod fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmieri, talbet li tiġi mibdula l-bankina tar-residenza tagħha minħabba li fija ħafna ħass u tkun tiżloq. Saret se jsir talba mill-kunsill lil MGOZ bis-sistema tal-Works Request System.

49.13.9 B'referenza għall-ilment numru 08/2023, residenta li toqgħod fi Triq il-Falkun talbet li tinqala u terġa tinbena il-bankina tar-residenza tagħha. Dan għaliex tiżloq ħafna u l-madum nieżel u bejn il-kurduna u l-madum inħoloq xifer perikoluż ħafna. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

49.13.10 B'referenza għall-ilment numru 09/2023, residenti minn Triq Skerla qed jitolbu li ssir bozza ġdida. Il-Kunsill qabel li ssir din il-bozza għax hemm ħafna dlam. Il-Kunsill anki ssuġġerixxa li jsiru xi bozoz fi Triq Dun Luqa u Triq id-Daħla taċ-Ċnus.

49.13.11 Diversi residenti talbu li jsir patching fi Triq il-Kbira. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din it-talba ntbagħtet bis-sistema tal-*Works Request System* flimkien ma toroq oħra biex tingħata l-għajnuna u dan ix-xogħol isir.

49.13.12 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward tabella *Accident Black Spot* maqgħluha fi Triq tal-Gruwa. Il-Kunsill approva din it-talba biex din tiġi mibdula.

49.13.13 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward ġebel li qed jonqos minn fuq il-ħitan fi Triq Marr ix-Xini. Is-Sindku qal li dan għandu jsir rapport mall-Pulizija mingħand dan it-team, għaliex il-Kunsill m'għandux il-kompitu w l-awtorita' li jinvestiga dan l-abbuż.

49.13.14 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward ħaxix ħażin fi Triq Mġarr ix-Xini. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-ħaddiema assenjati mall-Kunsill qed jaqtgħu dan il-ħaxix.

49.13.15 B'referenza għall-ilment numru 10/2023, resident li joqgħod fi Triq Ta' Ċenċ talab li jiġi mibdul l-pavimentar tal-bankina tal-paving block li tinsab perikoluża tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li ssir talba lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System*.

49.13.16 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward patching fi Triq Saguna. Is-Segretarju Eżekuttiv stqar li ma jistax jifhem sewwa dan l-ilment, u se jivverifika iktar fid-dettal dwar x'inhu dan l-ilment.

49.13.17 B'referenza għall-ilment numru 11/2023, qed issr talba biex jinbena ħajt tas-sejjieħ li waqa dan l-aħħar bix-xita. Is-Sindku qal li diversi ħitan tas-sejjieħ sfortunatament waqgħu u għalhekk dawn iridu jiġu rranġati.

49.13.18 Il-Vici Sindku staqsiet saritx it-talba biex isir twessiħ ta' Triq ix-Xewkija. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li se jikteb lill-Perit fuq dan is-suġġeriment.

49.13.19 Il-Kunsillier Tewma staqsa kienx hemm xi komunikazzjoni lura fuq ir-'road hump' li kien issuġġerixxa li ssir fi Triq ix-Xewkija minn Transport Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv.

## 49.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 2/2023

49.14.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 2/2023 li kienet intbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-Kunsillier Gauci. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Gauci u ssekondata mill-Kunsillier Tewma. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 49.15 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

49.15.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.34 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 14 ta' Marzu 2023, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 14 ta' Marzu, 2023

| | |
|---|---|
| (iffirmata) | (iffirmata) |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |